## Frenċ ta' l-Għarb - 5



# Id-devozzjoni lejn il-Madonna

**jikteb Angelo Xuereb**

L-istorja ta' Frenċ ta' l-Għarb ma tistax tinfired mis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Dan huwa s-santwarju fejn f'Ġunju ta' l-1883 Karmni Grima semgħet lill-Madonna ssejjħilha minn ġol-kwadru li jiffigura t-tlugħ fis-sema tagħha. Frenċ kien devot ħafna tal-Madonna ta' Pinu. Darba xi ħadd offrielu li jħallaslu biljett b'xejn biex imur Lourdes. Huwa wieġeb li ma kellux bżonn isiefer, imma għalih biżżejjed li jmur fis-Santwarju ta' Pinu.

Huwa kien iħoss li l-Madonna kienet dejjem qiegħda tmexxih hi fil-missjoni tiegħu. Jista jkun li xi darba Frenċ ra jew sema' lill Madonna, iżda meta kienu jistaqsuh, hu kien idawwar id-diskors. Bi kliem xi ftit ambigwu huwa ġie li qal: *"Forsi jiena ukoll rajt xi ħaġa?"*

Darba wieħed ingliż staqsih fuq il-qawwa li kellu li jfejjaq. Mingħajr tlaqliq huwa wieġeb: *"Jien naħseb li l-Madonna qaltli"*. Dawk li kienu jmorru jżuruh jgħidu li huwa qatt ma qal xejn jekk mhux wara li jkun ta ħarsa lejn il-Madonna li huwa kien jżomm dejjem imżejjna bil-fjuri. Darb'oħra, ingliż ieħor staqsih jekk kienx jibża' li jiżbalja meta kien iħallat il-ħxejjex, u hekk jagħmel ħsara lin-nies. Iżda huwa wieġeb li l-Madonna qatt ma tħallih jiżbalja. Mhux l-ewwel darba li huwa ordna lil min ikun fieq li jġorr bukkett fjuri b'mod pubbliku lill-Madonna ta' Pinu.

Il-ġrajja tiegħu tintrabat mas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu għaliex wara li mietu Karmni Grima u Franġisk Portelli, huwa baqa' waħdu jxerred id-devozzjoni. Patri Martinjan Cutajar, agostinjan, darba qal li Frenċ kien jegħleb kull diffikultà għax kellu fiduċja bla limiti fil-Madonna.

Frenċ tant ħabb lis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu li għamel affarijiet kbar. Huwa dejjem kien jieħu ħsieb iż-żejt ta' quddiem il-Madonna. Meta kien qiegħed jinbena s-Santwarju huwa kien jiġbor numru ta' irġiel biex iġorru l-ġebel mill-barriera sal-Knisja ta' Pinu u grupp ieħor biex iħottuh. Aktar tard, bis-saħħa ta' Frenċ saru wkoll opri kbar f'dak is-Santwarju. Lil dawk li kienu joffrulu xi flus huwa kien jgħidilhom biex jitfgħuhom fi plattin li kellu quddiem il-Madonna ta' Pinu. Bil-flus li huwa ta, sar il-pulptu ta' l-irħam u l-inkwadri tal-mużajk li sa llum għadhom iżejjnu s-santwarju.

Tant kien iħobb lill-Madonna li huwa ġie li kiteb xi poeżiji. Waħda minnhom tgħid hekk:

*Jien maġenbi kelli mara - Regina tas-sema u l-art;*
*Ta' spiss, jien nitlob lilha - biex teħlisni mill-kiefer mard.*
*Il-mard mhux biss tal-ġisem - imma wkoll tar-ruħ;*
*Għax meta fil-mard jien naħseb - minn għajnejja jinżel id-dmugħ.*

Id-devozzjoni lejn il-Madonna tassew tikkonfermalna kemm Frenċ ta' l-Għarb kien mimli bl-ispirtu t'Alla.